**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 605/2019 GG**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs.**

**Mohammed Hanif detentur tal-passaport Ingliz 8017 10082 u tal-karta tal-identita numru 32487 (A).**

**Kawza Numru: 2**

Illum 19 ta' Jannar 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' Bank Of Valletta p.l.c. ippreżentat quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Settembru 2021 li bih talab li l-konvenut ikun ikkundannat ihallasha lura s-somma ta' €122,633.23 mqiegda fil-kont bankarju tieghu mill-istess bank bi zball skond is-segwenti premessi u talbiet:

> Illi permezz ta' struzzjonijiet moghtija lill-esponenti, tramite il mezz ta ''Express Deposit'' fl-20 ta' Settembru 2018, mis-socjeta kummerċjali ''en nom collectif'' Vella Brothers and Sons-li kopja

taghha qed tiġi hawn esibita u markata Document A-l-esponenti ġiet ordnata biex tiddepożita fil-kont tal-istess soċjetà mandatrici u klijenta taghha fil-kont tal-imsemmija soċjetà klijenta taghha numru 40014938885 is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€122,633.23)

Illi, a kawża ta' żball ġenwin kommess mis-socjeta bankarja attriċi, is-socjeta esponenti iddepozitat l-imsemmija somma ta' €122,633.23 fil-kont tal-intimat-ukoll klijent taghha illi ghandu numru ferm viċin dak predestinat u cioe' in-numru 40019438885 u cioe' b'rispostament tan-numru 94 ghal 49 fin-nofs tal-istess kont bankarju, liema depożitu sehh fil-kont tal-konvenut intimat erronjament u bi żvista ġenwina tas-socjeta' esponenti kif ahjar jirrizulta mil-kopja tal-istess depożitu hawn annessa u mmarkata ''Dok.B''.

Illi naturalment stante li s-socjeta ''Vella Brothers and Sons'' ma kellha xejn x'tahti f'dan is-socjeta' attriċi ulterjorment ghall-premess kif indunat b'dan l-izball taghha, ikkreditat il-kont fuq imsemmi tas-socjeta Vella Brothers and Sons bis-somma fuq imsemmija u talbet rifużjoni tas-somma indebitament imhallsa lill-konvenut fil-kont tieghu 40019438885.

Illi l-konvenut infatti gie interpellat diversi drabi sabiex jirrestitwixxi lis-socjeta' attriċi s-somma eronjament depożitati fil-kont tieghu u lii minnha diga' irtira xi flejjes imma dan minkejja diversi interpellanzi-anke dik permezz tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Jannar 2019 li kopja taghha qed tiġi hawn esibita markata Dok C, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru id-dikjarazzjonijiet neċessarji u jinghataw iil-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attriċi li qedgha hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara illi s-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€122,633.23) ġiet depożitati fil-kont tal-konvenut '*savings*' numru 40019438885 bl-izball indebitament u minghajr ebda raġuni valida fil-ligi u li ghalhekk l-istess konvenut thallas indebitament l-istess somma mis-socjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut jirrifondi u jhallas lis-socjeta' attriċi l-imsemmija somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€122,633.23), somma ta' flus lilhu imhallsa indebitament u minnu ukoll miżmuma indebitament.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2019 u bl-imghax legali mill-20 ta' Settembru 2018 sal-jum tal-pagamenti effettiv.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut mressqa quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Settembru, 2019 li biha ecepixxa s-segwenti:

1) Illi per prima cosa u fill-mertu,l-esponenti qua konvenut jirrespingi fit-totalita' kollha taghhom il-pretensjonijiet u t-talbiet tas-socjeta' attrici ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghal kollox inveritieri fis-sustanza taghhom u fil-mod dwar kif qeghdin jigu reklamati u interposti quddiem din il-Wisq Onorabbli Qorti;

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccepit, l-esponenti qua konvenut jibda biex jiccara l-fatt ili l-lum kemm fil-kamp tal-ligi domestika Maltija kif ukoll Ewropeja, b'mod specjali fil-qasam bankarju, japplikaw regoli stretti marbutin mal-infurzar strettissimu tal-ligijiet, direttivi Ewropej u r-regoli vigenti dwar il-battaja biex jinqered kemm jista' jkun il-hasil ta' flus u dak kollu marbut mas-sostenn u l-finanzjament illi jista' jsir ghal kull ghan terroristiku. B'dan stabbilit, u fl-isfond ta' dan hekk allegat zball li sar u li ghalih il-Bank Attur qieghed jaghmel referenza, l-esponenti ghadu sa illum ma rax b'ghajnejh stress, sabiex huwa jkun jista'

janalizza x'kien is-sors veru u proprju ta' dawn il-fondi u min harighom u min kien illi ikkonsenjahom jew iddepozitahom fil-Bank stress, u ma jistax jifhem ulterjorment kif il-Bank stress ghazel illi jittrattah b'dan il-mod ghal kollox abbuziv meta kien hu stress illi ghamel l-ewwel rikjesta specifika biex ikollu rapport bil-miktub ghad-domandi illi kien qieghed jistaqsi fejn dar sar ukollb'mod sussegwenti tramite l-Avukat ta' Fiducja tieghu kif jidher u kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri odjerni. Ghal dawn il-motivi u ohrajn li ser jsegwu,l-esponenti in kwantu l-ewwel talba, fejn qed isir accenn serju illi huwa zamm dawn il-flus fil-pussess tieghu b'mod ingust u irregolari huwa qieghed jirrespingiha fil-fatt u fid-dritt u jqis ruhu illi billi l-Bank ilissen il-kelma zball specjalment fil-qasam bankarju stress u fid-dinja ta' Illum ma jtix id-dritt liberu illi jgieghel persuna li jkollha kont Bankarju bi certazzjoni illi dawn il-ligijiet imsemmija ma gewx miksurin u tant sabiex ukoll il-konvenut ma jkunx implikat minhabba haddiehor f'xi kriminalita' li tista' tkun qieghda sehh minghajr il-konsapevolezza u l-partecipazzjoni tieghu b'mod dirett jew indirett;

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccepit, l-esponenti jerga' jaccenna illi huwa ghal kollox infondat u inveritier illi gie spjegat lilu min-naha tal-Bank x'kienet ir-raguni ta' dan l-allegat zball genwin, ahseb u ara kemm gie spjegat lilu b'mod dettaljat u kumplessiv kif ghanndu dritt illi jkollu kulhadd wara li sar dan l'hekk imsejjah zball genwin min-naha tal-Bank. Dan kien kaz anzi, fejn l-esponenti stenna ili jkollu iktar kollaborazzjoni min-naha tal-Bank u mhux spicca f'sitwazzjoni illi minhabba dan l'hekk imsejjah zball spicca bil-kont tieghu maghluq ukoll, b'tali mood li ma jkunx jista' juzah fit-totalita' kollha u libera tieghu ghal zmien twil hafna. In fatti, jigi ccarat ulterjorment ma' dan l-istess punt, illi minhabba din l-eventwalita' ta' nuqqas serju ta' kollaborazzjoni min-naha tal-Bank fl-ispjega tar-raguni vera u proprja ta' dan l-allegat zball genwin u fit-turija wkoll ta' dawk il-provi illi huma u illi kienu necessarji li jigu murija lilu, l-esponenti spicca f'sitwazzjoni fejn kellu dubji serji jekk dawn il-flus kienux flejjes mibghuta lilu minn diversi kredituri illi huwa ghandu jigbor flusu

minghandhom. Ghal dawn il-motivi u ohrajn li ser isegwu, l-esponenti in kwantu ghat-tieni talba, fejn il-konvenut qieghed jigi msejjah biex ihallas lura dawn il-flus, din ghandha tigi respinta u michuda salv il-proova illi dan verament seta' kien zball genwin u mhux intenzjonat biex ikisser id-dinjita' u l-integrita' tal-konvenut kif diga' allegatament sar f'istanzi ohrajn;

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccepit, l-esponenti jerga' jtenni illi l-Bank qua attur kif tista' u kif ser tkun qed tanalizza din il-Wisq Onorabbli Qorti, anki mal-prezentata ta' din il-kawza, ma rnexxilux iforni proc acara, diretta u oggettiva, dwar kif seta' sehh dan l-izball allegatament genwin illi sar, u li tali prova ghad mhijiex wahda minghajr margini ta' kull dubbju u konklussiva sabiex twassal lil konvenut stress sabiex jirrilaxxa mill-kont tieghu stress dawn il-flus illi gew imblukkati fil-kont tieghu bil-kont tieghu b'kollox u li allura giet fis-sehh sitwazzjoni fejn il-kont tal-konvenut ma jkunx jista' jintuza ormai ghal kwazi sena zmien;

5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra s-socjeta' attrici li minn issa hija ngunta insubizzjoni u bir-riserva ta' kull dannu jew procedure ad hoc ghal dan l-istess skop illi huma bi dritt illi jsiru da parti tal-konvenut f'kaz illi l-Bank jibqa' inadempjenti fl-ispjegazzjoni cara, diretta u oggettiva spettanti minnu fuq dan il-kaz.

Rat id-dokumenti mressqa;

Semghet ix-xhieda mressqa u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-**fatti** ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma li l-bank attur kien inghata struzzjonijiet minn socjeta' klijenta tieghu sabiex tiddepozita s-somma ta' €122,633.23 fil-kont taghha u dan permess ta' *express deposit* li jikkonsisti fi tqieghdin ta' flus kontanti jew *cheques* f'bustina appozita li tithalla gewwa l-istess bank. Gara, izda, illi minkejja li s-socjeta' depozitanti imlieta il-formola relattiva b'mod korrett, l-adett tal-bank li sussegwentement u manwalment jiehu hsieb jidderigi d-depozitu fil-kont indikat erronjament qaleb tnejn minn numri tal-kont b'mod li dan l-ammont kien depozitat fil-kont ta' klijent differenti li allura huwa l-konvenut fil-kawza hawn devoluta. Gara ukoll illi wara li l-bank attur informa b'dan kollu lill-konvenut, ghalkemm ghall-ewwel qabel li jirrifondi l-flus, biddel il-fehma tieghu ghaliex talab informazzjoni dwar kif dawn il-flus spiccaw fil-kont tieghu. Sussegwentement allega li kien qed jistenna depozitu f'dak l-ammont minghand debituri tieghu;

2. Illi l-kont tas-socjeta' kijenta tal-bank attur li vversat id-depozitu ghandu n-numru 40014938885 filwaqt illi kont tal-konvenut ghandu n-numru 40019438885 (sottolienar tal-Qorti) fejn allura huwa evidenti illi z-zewg kontijiet ghandhom numru simili konsistenti fi hdax-il numru biz-zewg numri tan-nofs inversi fejn allura tas-socjeta' huwa 49 filwaqt illi tal-konvenut huwa 94;

3. Illi fatt iehor relevanti hu li filwaqt illi l-flus kienu depozitati fil-kont tal-konvenut fid-19 ta' Settembru, 2018 il-Bank attur induna bl-allegat zball fit-8 ta' Ottubru, 2018 u dan minhabba fatt partikolari meta l-istess konvenut kien cempel lill Branch

Manager biex jinfurmaha li kien ser jibghat lil certu Andrea Pio Catania biex jaghmel pagament mill-kont tieghu lil terzi peress illi kien imsiefer. Meta l-Bank attur ezamina t-transazzjonijiet tal-kont in kwistjoni intebah li kien sar l-allegat depozitu zbaljat ghaliex f'dak il-kont qatt ma kien intuza ghall-transazzjonijiet daqshekk kbar;

4. Illi l-Bank attur ressaq diversi xhieda in sostenn tat-talba tieghu b'dan illi l-Qorti jidrilha illi d-deposizzjoni tal-Branch Manager tigbor fiha l-qofol u s-sustanza ta' dak kollu li sehh. F'din id-deposizzjoni, l-Branch Manager taghi illi wara li l-konvenut kien cempel biex jinforma li kien ser jibghat lil Andrea Pio Catania wegbitu li tittiehed decizzjoni wara li dan tal-ahhar igib dokumentazzjoni biex tkun ezaminata mill-bank stante li la kienet taf lill-klijent wisq anqas lil Andrea Pio Catania. Dan tal-ahhar pprovda ittra minghand il-konvenut b'istruzzjoni biex isir pagament liema ittra kienet iccertifikata mill-Avukat Dr. Johan Debono. Din id-dokumentazzjoni ghaddiet f'idejn adetta ohra tal-Bank attur li kienet familjari mal-kont tal-konvenut u li thassbet minn seta gie dan l-ammont ta' flus. Andrea Pio Catania insista li l-pagament kien wiehed urgenti u ghalhekk saret indagini dwar il-provenjenza fejn hemmhekk kien innottat l-izball konsistenti fil-qlib taz-zewg numri kif osservat *supra*.

5. Illi mill-istess indagini kien osservat ukoll ill-fit-3 t'Ottubru, 2018 ingibdet is-somma ta' €2,000.00 via Internet banking, fil-5 t'Ottubru 2018 sar pagament ta' €4,974.76, fl-istess data ingibed l-ammont a' €5,000.00 via Internet Banking u fis-6 t'Ottubru 2018 sar pagament mill-kont fl-ammont ta' €4,950.71. Il-Branch

Manager b'hekk infurmat lill-konvenut li ma setghax isir it-trasferiment li xtaq;

6. Fit-18 t'Ottubru 2018 sehhet laqgha bejn il-Manager u l-Konvenut fejn kien infurmat bl-izball minn naha tal-Bank izda huwa spjega li kien ilu jigri wara xi nies lli kellhom ihallsuh u assuma li dawk kien fil-fatt halsuh. Huwa wiegeb li dak kien zball tal-Bank izda kellu obbligi u ma setghax jirrifondihom fi zmien ta' 24 siegha moghtija lilu hlief li seta jhallas nofshom sat-Tnejn ta' wara u l-bqija meta jkun jista. Infurmat li l-kont kien blokkjat wiehed li kien ser jaghmel kuntatt l-ghada jew it-Tnejn ta' wara. Fit-22 t'Ottubru l-bank ircieva ittra minghand il-konvenut li biha talab jinghata informazzjoni u evidenza ohra b'dan illi l-Manager wiegbet permezz ta' email li seta jaccedi gewwa l-branka u jintwera l-evidenza u jinghata spjegazzjoni. Fit-2 ta' Novembru intbaghtet email ohra biex testendi l-istedina la darba qatt ma acceda l-Bank u fin-nuqqas l-kaz ikun riferut lill-avukat.

7. Tajjeb li jkun osservat illi fil-kontro-ezami tax-xhud Tania Mifusd, (fol 142) ix-xhud ikkonfermat illi kienet ezaminat ic-*cheques* depozitati mis-socjeta' klijenta tal-Bank fl-*express deposit* u l-ebda wiehed minnhom ma kien pagabbli lill-konvenut;

8. Illi mix-xhieda u dokumenti mressqa mill-Bank attur huwa ma hemm l-ebda dubju li l-flus depozitati fil-kont tal-konvenut kienu provenjenti mis-socjeta' klijenta tal-Bank kawza tal-zball da parti wiehed mill-adetti tieghu li erronjament qeleb iz-zewg numri tan-nofs tal-kont bil-konsegwenza li kont tal-konvenut

kien debitat bl-ammont ta' €122,633.23 , bil-konsegwenza wkoll illi l-Bank attur rriprestina l-kont tas-socjeta' klienta bl-istess ammont;

9. Illi minkejja dan, il-konvenut ivvanta ragunijiet u ressaq eccezzjonijiet li, skond hu, juru ghaliex il-Bank attur ma ghandux ragun fit-talbiet tieghu. Ezaminati l-fatti jirrizulta b'mod inkonfutabbli li appena induna b'dan id-depozitu fil-kont tieghu, l-konvenut ghamel minn kollox sabiex johrog dawk il-flus mill-kont tieghu qabel mal-Bank attur jinduna b'dan l-izball. Fit-8 ta' Ottubru, 2018 baghat lill-Andre Pio Catania fil-branka b'ittra li ggib l-istess data li biha awtorizza lill-Branch Manager "*to effect the transfer of eighty thousand Euro €80,000) to my borrower, and namely Dr. Johann Debono...*" u li s-sur Andre Pio Catania huwa awtorizzat li fizikament jissalda din il-transazzjoni. Flimkien ma din l-ittra kienet prezentata kopja ta' skrittura bid-data tal-5 t'Ottubru, 2018 maghmulha bejn il-konvenut u Dr. Johann Debono li biha l-konvenut jidher li qed jislef lill-istess Dr. Johann debono s-somma ta'€80,000.00 rifondabbli fl-1 ta' Dicembru, 2019 u intiza ghall-"*enchancing the operations of his own profession and his personal investments at large in relation to his profession*";

10. Illi b'ittra tat-22 t'Ottubru, 2018, il-konvenut talab lill-bank attur aktar dettalji dwar id-depozitu ta' €123,633.23 fejn jghid: "*What I see is that is money was deposited into my account and why odd number with .23 cents*". F'din l-ittra talab hekk***: "I would like the proof behond any doubt that this money was a0 accidental; b) Not Deliberately sent to me for any ulterior reason or motive; c) that there is No malicious purpose behing my***

***account receiving such money as fully cleared. I want to be sure beyond any dount that this money was really not meant for me, who deposited this cash in such a large amount and moreover, why was I the victin of this alleged banking error, which I find quite strange when keeping in mind all the banking restrictions and requirements that exist today."***;

11. Illi fl-affidavit tieghu, l-konvenut spjega li kien ilu jistenna pagamenti mir-Renju Unit sa mis-sena 2015 u jghid li r-religjoni tieghu tinibieh milli jigri wara l-kreditur minkejja d-drittijiet tieghu sabiex jirkupra flusu. Fit-8 t'Ottubru, 2018 wara dan id-depozitu, trasferixxa s-somma ta' €2,000.00 f'kont iehor tieghu u hamest ijiem qabel hallas is-somma ta' €5,000.00 bhala spejjez legali dovuti lill-avukat tieghu u fis-6 t'Ottubru wara diskussjoni ma klijent Ingliz tieghu rrizulta li kellu jhallsu s-somma ta' €4950.71. Huwa jghid li talab lill-Bank jghidlu l-provenjenzja ta' dawk il-flejjes u l-bank irrifjuta u ssoleva li dan ma kienx zball ta darba izda diversi zbalji u ghalhekk beda jiddubita kemm verament dawk kienu zbalji tant li allega li dan kien " *a deliberate entry by mistake and they wanted to wash the money*". B'hekk issa l-konvenut qed jallega li l-Bank attur ried jinqeda bil-kont tieghu sabiex jahsel il-flus u li dan huwa ezempju tipiku. Il-Konvenut esebixxa kopja ta' kuntratt ta' self bejnu, jigifieri <u>Mohammed Hanif</u> u bejn <u>Mohammed Hasir Hanif</u> bid-data tat-28 ta' Settembru, 2015 li ghalkemm jghid li hu Personal Loan jistipula biss il-modalita' ta' pagament f'pagament ta' £10,000.00 u 24 pagament ta £4,500.00. Esebixxa ukoll dokumenti in rigward sabiex juri li kellu jiehu flus minghand il-klijenti tieghu , **izda**, u kif facilment seta jaghmel ma wera

assolutament xejn li setgha b'xi mod jindika li dawn in-nies kienu hallsuh , haga din li seta facilment jaghmel bl-aktar mod semplici permezz ta' dokumenti bankarji li juru t-rasferiment fil-kont tieghu u bix-xhieda anke tal-Avukat Johan Debono biex jikkonferma l-kuntratt ta' self ;

12. Illi kif tajjeb osserva l-Bank attur fin-nota ta' osservazjonijiet tieghu, il-verzjoni ossia verzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jitwemmnu tenut kont diversi ragunijiet fosthom li l-allegati kreditu filli kienu tlieta filli saru diversi biex finalment saru wiehed; id-Dokument MH2 lanqas biss ma hu ffirmat u fi spazju ta' ftit jiem saru transazzjonijiet fl-ammont ta' €16,925.47 u tentattiv sabiex ikunu zbankati €80,000 ohra minn kont li ftit jiem qabel kellu bilanc ta' €41.11;

13. Illi minghajr tlaqlieq, il-Qorti tqis mhux biss illi l-bank attur ipprova fuq sisien sodi li l-ammont ta' flus depozitati fil-kont tal-konvenut kienu hekk depozitati bi zball u li l-provenjenza taghha turi li qatt ma setghet kienet destinata lill-Konvenut, talli l-istess konvenut mhux kredibbli u bl-ebda mod ma qajjem xi dubju li dawk il-flus kienu b'xi mod provenjenti mill-klijenti tieghu. Ghalhekk il-kwistjoni hawn devoluta hija regolata bl-artikolu 1020 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:

> **Kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghand jkun irciviha bla jedd**.

14. Dan il-proveddiment tal-ligi jifforma parti mis-sorsi tal-obbligazzjonijiet taht l-istess Kodici msejjah Kwazi Kuntratti u dwar dan tajjeb li ssir referenza ghall-insenjament mghoddi lilna mill-Professur Caruana Galizia fin-noti tieghu **Notes on Civil Law – Volume II** a pp 304 *et seq* meta jispjega dwar il-Kwazi Kuntratt imsejjah *Indebiti Solutio* :

> This quasi-contract comes into being when a person, through mistake, pays what is not due by him under any civil or natural obligation ("indebitum ex re"), either because there never was any obligation, or beause it was already extinguished , or because something different from that which was due was given, or because he pays that which is due but not by him ("indebitum ex persona solventis"), or because he pays that which is due but not to the person who receives it ("indebitum ex persona accpitientis");

15. Jissokta jispjega l-Professur Caruana Galilzia, l-kondizzjonijiet sabiex tavvera din l-obligazzjoni, ossia li jehtieg li jkun hemm il-hlas, in-nuqqas ta' "causa" u l-izball "solutio". Dawn l-elementi huma kollha prezenti fil-kawza hawn devoluta liema fatti jaghtu lok ghall-effett laterali tal-arrikament indebitu bil-konsegwenza li l-arrekitt hu obbligat irodd lura l-haga, f'dan il-kaz, il-flus, minnu indebitament percepiti u dan stante li l-Bank attur ressaq prova sufficjent fir-rigward u li l-konvenut ressaq biss ragunijiet fierha biex jittanta jiskredita l-provi tal-Bank u dan minghajr ma jirnexxi fir-rigward;

16. Ghal dawn ir-ragunijet, taqta' u tiddeciedi l-kawzi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-Bank attur u konsegwentement:

1. Tiddikjara illi s-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€122,633.23) kienet depożitata fil-kont tal-konvenut '*savings*' numru 40019438885 bl-izball indebitament u minghajr ebda raġuni valida fil-ligi u li ghalhekk l-istess konvenut thallas indebitament l-istess somma mis-socjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi u jhallas lis-socjeta' attriċi somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€122,633.23) bl-imghax legali mill-20 ta' Settembru 2018 sal-jum tal-pagamenti effettiv

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenut inkluz dawk tal-ittra uffiċjali ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2019.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

---

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**